Id-dokumentazzjoni tinsab fis-sit tal-etenders (www.etenders.gov.mt) u tista' tiġi mniżżla b'xejn.

Kull kjarifika jew żieda fid-dokumentazzjoni tat-tender tittella' fis-sit u tkun disponibbli biex wieħed jaraha u jniżżilha.

Il-Kunsill Lokali jirriserva d-dritt li jirrifjuta kwalunkwe offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

L-10 ta' Ottubru, 2023

SAN ĠILJAN LOCAL COUNCIL

The San Ġiljan Local Council notifies that:

Online tenders will be received up to 11.00 a.m. on Friday, 10th November, 2023, for:

Advt No. SGLC/T/3/2023. Provision and installation of new lamp posts with energy efficient lighting equipment in Triq Charles Sciberras for the the San Ġiljan Local Council.

The tender document is available online through (www.etenders.gov.mt).

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

10th October, 2023

MĠARR LOCAL COUNCIL

The Mġarr Local Council notifies that:

Tenders are being received through the ePPS system until noon of Monday, 13th November, 2023, for:

Advt No. MGR 03/2023. Provision of general maintenance services (handyman) for the Mġarr Local Council using environmentally friendly materials and products;

Advt No. MGR 04/2023. Works – construction works of a rundown rural area into a recreational and leisure park at Ta' Darrenzi, Mġarr;

Advt No. MGR 05/2023. Supply, installation, testing, commissioning, certification and maintenance of a panoramic lift at Ta' Darrenzi, Mġarr;

Advt No. MGR 06/2023. Works – finishing works of a rundown rural area into a recreational and leisure park at Ta' Darrenzi, Mġarr.

Documentation is uploaded on the etenders site (www.etenders.gov.mt) and can be downloaded free of charge.

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

10th October, 2023

KUNSILL LOKALI N-NADUR

Il-Kunsill Lokali n-Nadur jgħarraf li:

Offerti jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali n-Nadur sal-10.00 a.m. tat-Tlieta, 7 ta' Novembru, 2023, għal:

Avviż Nru. NLC/14/2023. Servizzi ta' architect contracts manager;

Avviż Nru. NLC/16/2023. Offerta ta' servizz għall-kollezzjoni ta' skart goff mil-lokalità tan-Nadur b'mod li jitħares l-ambjent.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jinkisbu/jitniżżlu u jintlaqgħu BISS mis-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

L-10 ta' Ottubru, 2023

NADUR LOCAL COUNCIL

The Nadur Local Council notifies that:

Tenders will be received by the Nadur Local Council up to 10.00 a.m. on Tuesday 7th November, 2023, for:

Advt No. NLC/14/2023. Services of architect contracts manager;

Advt No. NLC/16/2023. Service tender for the collection of bulky refuse from the locality of Nadur in an environmentally friendly manner.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the e-tenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

10th October, 2023

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1985

ARB/C044/2021 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fit-8 ta' Ġunju, 2023, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Natasha Galea Sciberras, LLD) illi ġie kkonfermat permezz ta' digriet datat 4 ta' Ottubru, 2023, mogħti mill-istess Qorti (il-Maġistrat Dott. Donatella Frendo Dimech, LLD). Kumpilazzjoni Numru 196/2021, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

CARLOS DIMECH;

KEITH TESTA, maniġer u direttur, ta' 32 sena, iben Vincent u Carmen xebba Azzopardi, imwieled Tal-Pietà, Malta fid-19 ta' Awwissu, 1991, residenti ġewwa 7, Helen, Triq it-Torri Wejter, Birkirkara, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 416691M.

U

ARB/C044/2021 – VARIATION OF SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 8th June, 2023, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Natasha Galea Sciberras, LLD) which was confirmed by decree dated 4th October, 2023, given by the same Court (Magistrate Dr Donatella Frendo Dimech, LLD). Compilation Number 196/2021, in the case:

The Republic of Malta

Versus

CARLOS DIMECH;

KEITH TESTA, manager and director, 32 years, son of Vincent and Carmen née Azzopardi, born in Tal-Pietà, Malta, on the 19th August, 1991, residing at 7, Helen, Triq it-Torri Wejter, Birkirkara, and holder of Maltese identity card bearing number 416691M.

AND

PIETÀ MARINA CATERERS LIMITED;

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputat KEITH TESTA sabiex iħallas il-polza tal-assigurazzjoni tad-dar bir-referenza numru 142729 059 001 fl-ammont ta' tnejn u sebgħin ewro (€72). Illi dan il-ħlas għandu jsir direttament lil Atlas Insurance PCC Limited mill-paga tal-imputat li tiġi ddepożitata fil-kont tal-bank intestat f'ismu li jispiċċa -4517 u li huwa miżmum mal-Bank of Valletta plc.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 5 (3) tal-Att kontra Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 36 (4) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni ta' qbid u ffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Natasha Galea Sciberras, LLD), fit-23 ta' Ġunju, 2021, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fit-28 ta' Ġunju, 2021, fejn il-Qorti ordnat iż-żamma u s-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' Carlos Dimech, KEITH TESTA, u Pietà Marina Caterers Limited.

Illum 6 ta' Ottubru, 2023

IS-SUR ANTON SEVASTA
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

PIETÀ MARINA CATERERS LIMITED;

The Court AUTHORISED the accused KEITH TESTA to pay the home insurance policy with reference number 142729 059 001 in the amount of seventy-two ewro (€72). That this payment must be made directly to Atlas Insurance PCC Limited from the salary of the accused which is deposited into a bank account listed in his name and ending in -4517 which is held at the Bank of Valletta plc.

This variation is being published in terms of Article 5 (3) of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta and Article 36 (4) of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta, following a seizing and freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Natasha Galea Sciberras, LLD) on the 23rd June, 2021, which was published in the Government Gazette on the 28th June, 2021, where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to Carlos Dimech, KEITH TESTA and Pietà Marina Caterers Limited.

Today 6th October, 2023

MR ANTON SEVASTA
Director, Asset Recovery Bureau

1986

ARB/C044/2021 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fit-8 ta' Ġunju, 2023, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Natasha Galea Sciberras, LLD). Kumpilazzjoni Numru 196/2021, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

CARLOS DIMECH, accountant, ta' 30 sena, iben il-mejjet Joseph u Filippa xebba Francica, imwieled Tal-Pietà, Malta, fit-28 ta' Mejju, 1993, residenti ġewwa Oakley Court, Flat 4, Triq Oscar Zammit, L-Imsida, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 238393M.

KEITH TESTA;

U

PIETÀ MARINA CATERERS LIMITED;

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputat CARLOS DIMECH sabiex iħallas il-polza tal-assigurazzjoni fuq vettura bir-

ARB/C044/2021 – VARIATION OF SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 8th June, 2023, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Natasha Galea Sciberras, LLD). Compilation Number 196/2021, in the case:

The Republic of Malta

Versus

CARLOS DIMECH, accountant, 30 years, son of the late Joseph and Filippa née Francica, born in Tal-Pietà, Malta, on the 28th May, 1993, residing at Oakley Court, Flat 4, Triq Oscar Zammit, Msida, and holder of Maltese identity card bearing number 238393M.

KEITH TESTA;

AND

PIETÀ MARINA CATERERS LIMITED;

The Court AUTHORISED the accused CARLOS DIMECH to pay the motor insurance policy with reference

referenza numru P21405991 fl-ammont ta' mitejn u erbgħa u sebgħin ewro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€274.23), u kif ukoll is-somma dovuta mill-imputat inkwantu ta' miżati ta' CVA u tal-liċenzja fl-ammont ta' mija u sitta u tmenin ewro u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (€186.77); dawn il-pagamenti jammontaw għas-somma globali ta' erba' mija u wieħed u sittin ewro (€461). Illi dan il-ħlas għandu jsir direttament lil MAPFRE Middlesea plc mill-paga tal-imputat li tiġi ddepożitata fil-kont tal-bank intestat f'ismu li jispiċċa -3404 u li huwa miżmum mal-Bank of Valletta plc.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 5 (3) tal-Att kontra Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 36 (4) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni ta' qbid u ffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Natasha Galea Sciberras, LLD), fit-23 ta' Ġunju, 2021, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fit-28 ta' Ġunju, 2021, fejn il-Qorti ordnat iż-żamma u s-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' CARLOS DIMECH, Keith Testa, u Pietà Marina Caterers Limited.

Illum 6 ta' Ottuburu, 2023

IS-SUR ANTON SEVASTA
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

number P21405991 in the amount of two hundred and seventy-four Euro and twenty-three cents (€274.23), as well as the sum due by the accused in relation to CVA and license fees in the amount of one hundred and eighty-six euro and seventy-seven cents (€186.77); these payments amount to the global sum of four hundred and sixty-one euro (€461). That this payment must be made directly to MAPFRE Middlesea plc from the salary of the accused which is deposited into a bank account listed in his name and ending in -3404 which is held at the Bank of Valletta plc.

This variation is being published in terms of Article 5 (3) of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta and Article 36 (4) of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta, following a seizing and freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Natasha Galea Sciberras, LLD) on the 23rd June, 2021, which was published in the Government Gazette on the 28th June, 2021, where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to CARLOS DIMECH, Keith Testa and Pietà Marina Caterers Limited.

Today 6th October, 2023

MR ANTON SEVASTA
Director, Asset Recovery Bureau

1987

B'digriet tal-31 ta' Awwissu, 2023, mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifiki skont l-artiklu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

B'rikors preżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-13 ta' Frar, 2020, minn Bank of Valletta Malta plc, Subbasta bin-numru 5/20 fl-ismijiet Bank of Valletta Malta plc bin-numru tar-reġistrazzjoni C2833 vs David Mifsud (KI 170869M) et qed jintalab il-bejgħ bl-irkant ta':

Il-garaxx mingħajr l-isem u mingħajr numru uffiċjali, internament immarkat numru erbatax (14), muri fuq il-pjanta markata bħala dokument 'A' annessa ma' kuntratt ippubblikat min-Nutar Dr Angelo Vella tal-erbatax ta' Mejju tas-sena elf disa' mija wieħed u disgħin (14.5.1991), aċċessibbli minn rampa mingħajr isem u mingħajr numru li tagħti għal Triq Clare E. Engel, f'Ta' Giorni, limiti ta' San Ġiljan, liema garaxx jifforma parti minn complex ta' garaxxijiet mingħajr l-arja tiegħu, kif ukoll suġġett għar-rata tiegħu taċ-ċens oriġinali annwu u perpetwu ta' żewg liri Maltin u ħamsin ċenteżmu (Lm2.50) ekwivalenti għal ħames ewro u tlieta u tmenin

By a decree given on the 31st August, 2023 by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By the application filed in the Civil Court First Hall on the 13th February, 2020, by Bank of Valletta Malta plc, Judicial Sale file numbered 5/20 in the names Bank of Valletta Malta plc with the registration number C2833 vs David Mifsud (ID 170869M) et is being asked that the Court orders the sale by auction of the:

The garage unnamed and an officially unnumbered, internally marked number fourteen (14), shown on the siteplan marked as document 'A' attached to a public contract of Notary Doctor Angelo Vella of the fourteenth May of the year one thousand nine hundred nineteen one (14.5.1991), accessible from an unnamed and unnumbered ramp that abuts in Triq Clare E. Engel in f'Ta' Giorni, limits of St Julian's, which garage forms part of a complex of garages without its airspace, as well as subject to its rate of original annual and perpetual ground rent of two maltese lira and fifty cents (Lm2.50) equivalent to five euro and eighty three

ċenteżmu (€5.83), bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha konfinati mit-Tramuntana ma' passaġġ privat, mill-Punent ma' proprjetà ta' Philip Micallef, u mil-Lvant ma' proprjetà ta' Frank Fenech u oħrajn, waqt li kumpless kollhu jikkonfina min-Nofsinhar mat-triq, mil-Lvant ma' proprjetà ta' ċertu Coppini u mill-Punent ma' proprjetà ta' Rite Mix (Gatt Bros.) Limited.

Il-garaxx għandu d-dritt ta' aċċess bħala servitù attiva favur tiegħu tar-rampa u passaġġ privat li jipprovdu aċċess għall-istess garaxx, liema rampa u passaġġ ma għandhom jiġu qatt ingombrati bil-parkeġġ ta' karrozzi u/jew oġġetti oħra. L-istess rampa u passaġġ privat ma għandhom qatt jigu ingombrati bi kwalsijasi mod u fi kwalsijasi ħin. Il-garaxx jista' jiġi użat esklussivament bħala garaxx privat għall-karozza u ma jista' jiġi qatt użat għal skopijiet kummerċjali.

Il-kompratur huwa obbligat li jikkontribwixxi s-sehem proporzjonali tiegħu għall-manutenzjoni u riparazzjoni ta' tali rampa u passaġġ privat, kif ukoll għall-konsum tal-elettriku li hemm installat fihom u l-ħlas tal-kera tal-meters relattivi u dana flimkien mal-garaxxijiet l-oħra f'dan il-korp.

L-imsemmija proprjetà tappartjeni lil David Mifsud (KI 170869M) u Josephine Hurst ġja Mifsud (KI 166370M ġja 8223A).

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ħamis, 5 ta'Ottubru, 2023

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

cents (€5.83), with all its rights and appurtenances, bounded on the north by a private passage, west by property of Philip Micallef and east by property of Frank Fenech and others, while all the complex bounded on the south by the street, east by property of certain Coppini and west by property of Rite Mix (Gatt Bros.) Limited.

The garage has the right of access as in active servitudes in its favour of the ramp and private passage that provide access to the said garage, which ramp, and passage should never be blocked by the parking cars and/or other objects. The said ramp and private passage must never be blocked in anyway and at any time. The garage can be used exclusively as a private garage for the car and never be used for commercial purposes.

The buyer is obliged to contribute his proportional share for maintenance and repair of such ramp and private passage, as well as for the consumption of electricity installed therein and the payment of the rent of the relative meters and this together with the other garages in the complex.

The said property belongs to David Mifsud (ID170869M) and Josephine Hurst gia Mifsud (ID 166370M gia 8223A).

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 5th October, 2023

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1988

Permezz ta' digriet mogħti fil-11 ta' Settembru, 2023, mill-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Susanne Camilleri gja Ben Mabrouk vs Iskander Ben Mabrouk, Rikors numru 232/2023JPG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Iskander Ben Mabrouk a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Susanne Camilleri ġja Ben Mabrouk (KI 0464598M) vs Iskander Ben Mabrouk (KI 0212055A), ippreżentat fil-Qorti (Sezzjoni tal-Familja), fl-24 ta' April, 2023, ir-rikorrenti Susanne Camilleri ġja Ben Mabrouk (KI 0464598M) talbet lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A et sequitur tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti javża lid-Direttur tar-

By means of a decree of the 11th September, 2023, of the Civil Court (Family Section), in the records of the Application in the names Susanne Camilleri previously Ben Mabrouk vs Iskander Ben Mabrouk, Application number 232/2023JPG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Iskander Ben Mabrouk in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the names Susanne Camilleri previously Ben Mabrouk (ID 0464598M) vs Iskander Ben Mabrouk (ID 0212055A), filed in the Civil Court (Family Section), on the 24th April, 2023, the applicant Susanne Camilleri previously Ben Mabrouk (ID 0464598M) requested this Honourable Court to:

1. Pronounce the dissolution of the marriage between the parties in terms of Article 66A et sequitur of Cap. 16 of the Laws of Malta;

2. Order the Registrar of Courts so that within the time given by this same Court, he notifies the Director Public

Reġistru Pubbliku bill-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jigi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rikorrenti: 26, Triq il-Kunċizzjoni, Marsaxlokk

Intimat: 36, Rencarm, Triq l-Arznell, Marsaxlokk

Ir-rikors fl-ismijiet Susanne Camilleri ġja Ben Mabrouk vs Iskander Ben Mabrouk, Rikors numru 232/2023JPG, jinsab differit għat-30 ta' Ottubru, 2023, f'12.00 p.m.

Reġistru tal-Qrati (Sezzjoni Familja), illum 6 ta' Ottubru, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry about the dissolution of marriage so that this is registered in the Public Registry .

Applicant: 26, Triq il-Kunċizzjoni, Marsaxlokk

respondent: 36, Rencarm, Triq l-Arznell, Marsaxlokk

The Application in the names Susanne Camilleri previously Ben Mabrouk vs Iskander Ben Mabrouk, Application number 232/2023JPG, has been postponed for hearing to the 30th October, 2023, at 12.00 p.m.

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 6th October, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1989

Permezz ta' digriet mogħti fit-18 ta' Settembru, 2023, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1624/2023, fl-ismijiet Main Street Complex plc vs Clayton Mangion, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 23 ta' Mejju, 2023

Lil Clayton Mangion (KI 467290M) ta' Time Square, 1st Avenue, PH 126, Triq il-Kultellazz, Il-Mosta

Permezz tal-preżenti s-soċjetà Main Street Complex plc (C34767) ta' Main Street Complex, Pjazza Antoine De Paule, Paola, filwaqt li tagħmillek referenza għall-concession agreeement datat 4 ta' Jannar, 2021, li sar bejnek u bejn is-soċjetà mittenti u liema concession agreement illum jinsab terminat, qiegħda tinterpellak sabiex fi żmien ħmistax-il ġurnata mid-data li tirċievi din l-ittra uffiċjali tħallas is-somma ta' €9,379.42 rappreżentanti l-bilanċ dovut lis-soċjetà mittenti bħala ħlas ta' concession fee u ħlasijiet oħra relatati, inkluż interessi u ħlasijiet dovuti għal konsum ta' dawl u ilma, liema ammonti dovuti qegħdin jiġu elenakti fl-istatement of account hawn anness u mmarkat bħala Dok. A.

F'każ li inti tibqa' inadempjenti fl-obbligu tal-ħlas tiegħek is-soċjetà mittenti qiegħda sa minn issa tavżak illi se tieħu dawk il-passi kollha kompetenti lilha kontra tiegħek skont il-liġi inkluż permezz tal-ħruġ ta' kwalunkwe mandati opportuni u dan mingħajr ebda preavviż ieħor.

Tant sabiex tagħraf timxi

By means of a decree of the 18th September, 2023, in the records of the judicial letter number 1624/2023, in the names Main Street Complex plc vs Clayton Mangion, the Courts of Magistrates (Malta) ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the Courts of Magistrates (Malta)

Today 23rd May, 2023

To Clayton Mangion (ID 467290M) of Time Square, 1st Avenue, PH 126, Triq il-Kultellazz, Mosta

By means of this present the company Main Street, Complex plc (C34767) of Main Street Complex, Pjazza Antoine De Paule, Paola, whilst referring to the concession agreed dated 4th January, 2021, entered into between you and the interpellant company and which concession agreement is now terminated, it solicits you so that within fifteen days from the date you receive this judicial letter you pay the sum of €9,379.42 representing the balance due to the interpellant company as payment of concession fee and other related payments, including interest and payments due for electricity and water consumption, which amounts due are listed in the statement of account hereby attached and marked as Doc. A.

In case you remain in default in your payment obligation the interpellant company is from now advising you that it shall take all the necessary steps against you according to law including the issuing of any opportune warrants and this without any other prior notice.

So much so that you may know how to proceed

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali li għandu jiddekorri mid-data tal-ħruġ tal-fatturi relattivi sad-data tal-pagament effettiv.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 6 ta' Ottubru, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

With costs and legal interest which shall run from the date of issue of the relative invoices till the date of effective payment.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 6th October, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1990

Permezz ta' digriet mogħti fil-11 ta' Jannar, 2023, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3761/2022, fl-ismijiet Dott. Henry Saydon et vs Anthony Grech et, il-Prim'Awla tal-Qorti ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Anthony Grech a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 2 ta' Settembru, 2022

Lil: Anthony Grech (KI 298173M) ta' Anthony Court, Flat 2, Triq Xandriku, In-Nadur (Għawdex)
Victor Hili

Permezz tal-preżenti, Dott. Henry Saydon (KI 458180M) ta' 6, Triq San Luċjan, Iż-Żejtun, Maria Christina Saydon (KI 315578M), Joseph Henry Saydon (KI 377746M), Charles Vella Bonavita (KI 870345M), Austin Attard Montalto (KI 65232M) u l-koproprjetarji l-oħra, is-sidien (in toto) tal-għalqa denominata Ta' Grunju, fil-limiti tal-Qala, Għawdex, jagħmlu referenza għall-fatt li reċentement intom waqt li bdejtu tesegwixxu x-xogħlijiet suġġetta għall-permess PA/00703/21, b'mod abbużiv u illegali invadejtu l-għalqa tal-mittenti billi għamiltu xogħlijiet ta' skavar u żvilupp inkluż bini ta' ħajt fuq il-proprjetà tagħhom.

Illi dan l-aġir illegali daparti tagħkom sar mingħajr il-kunsens tal-mittenti u bis-satar tagħhom u għalhekk qiegħed ifixkel lill-istess mittenti mill-pussess u mit-tgawdija tal-proprjetà tagħhom surreferita.

Għaldaqstant, intom qegħdin tiġu interpellati sabiex fi żmien ħamest (5) ijiem min-notifika ta' din l-ittra tiddesistu milli tfixklu lill-mittenti fil-pussess u tgawdija tal-proprjetà tagħhom inkluż billi twaqqgħu l-ħajt u kwalunkwe żvilupp ieħor li intom għamiltu b'mod abbużiv u illegali fuq il-proprejtà tal-mittenti u treġġgħu l-għalqa fl-istat preċedenti tagħha a spejjeż tagħkom. Fin-nuqqas il-mittenti sejrin jieħdu l-proċeduri ġudizzjarji kollha fil-konfront tagħkom u dan mingħajr ebda preavviż ulterjuri.

Bl-ispejjeż

By means of a decree of the 11th January, 2023, in the records of the judicial letter number 3761/2022, in the names Dr Henry Saydon et vs Anthony Grech et, the First Hall of the Civil Court ordered the following publication for the purpose of effecting service on the respondent Anthony Grech in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 2nd September, 2022

To Anthony Grech (ID 298173M) of Anthony Court, Flat 2, Triq Xandriku, Nadur (Gozo)
Victor Hili

By means of this present Dr Henry Saydon (ID 458180M) of 6, Triq San Luċjan, Żejtun, Maria Christina Saydon (ID 315578M), Joseph Henry Saydon (ID 377746M), Charles Vella Bonavita (ID 870345M), Austin Attard Montalto (ID 65232M) and the other co-owners, owners (in toto) of the field known as Ta' Grunju, limits of Qala, Gozo, make reference to the fact that recently while carrying out the works under permit number PA/00703/21, you abusively and illegally invaded the field of the interpellants by carrying out excavation and development works including the building of a wall on their property.

That this illegal act on your part was carried out without the consent of the interpellants and without their knowledge and is thus obstructing the same interpellants from the possession and enjoyment of their property above mentioned.

Thus you are being solicited so that within five (5) days from the service of this letter you refrain from obstructing the interpellants in the possession and enjoyment of their property including by demolishing the wall and any other development you made abusively and illegally on the property of the interpellants and returning the field in its previous state at your expense. In default the interpellants shall take all the judicial procedures against you and this without any further notice.

With costs

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 6 ta' Ottubru, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts today 6th October, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1991

Permezz ta' digriet mogħti fit-2 ta' Awwisssu, 2023, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1701/2023, fl-ismijiet AJRP Limited vs Richard Spiteri, il-Prim'Awla tal-Qorti ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Richard Spiteri a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 24 ta' April, 2023

Lil: Richard Spiteri (KI 294472M) ta' Penthouse 13, 135, La Spinola Court, Triq Spinola, San Ġiljan

Permezz tal-preżenti, AJRP Limited, soċjetà b'responsabbiltà limitata rreġistrata bin-numru C9185 fir-Reġistru tal-Kumpaniji ta' Malta, rappreżentata minn Joseph Satariano (KI 757250M) tagħmel referenza għall-kuntratt ta' akkwist tal-appartament internament numerat 9 li jinsab f'135, La Spinola Court, Triq Spinola, San Ġiljan, datat 7 ta' Diċembru, 2016, u kif ukoll il-kuntratt bejnek u bejn il-mittenti, iffirmat fl-14 ta' Jannar, 2020;

Illi primarjament, permezz tal-kuntratt ta' akkwist iktar 'il fuq imsemmi, il-mittenti għandu dritt għal numru ta' servizzi li jinsabu fuq il-bejt u permezz tal-kuntratt ta' bejnietkom, inti kont obbligat li twettaq is-segwenti:

"The apartment owner agrees that the servics which the apartment owner has the right to install on the roof of the block, including the hatch providing access to the services, shall be of the dimensions and placed in the location on the highest roof of the block as stipulated on the plan hereto annexed and marked as document letter A provided that the services may not be higher than one meter (1m) from the finished floor level of the roof of the common parts of the block";

Illi permezz ta' email mibgħuta minnek lis-sidien tal-blokk appartamenti ta' La Spinola Court, inkluż il-mittenti datata 13 ta' April, 2023, inti infurmajt lis-sidien illi hemm numru ta' tankijiet tal-ilma fuq il-bejt tal-blokka illi ħiereġ l-ilma minnhom, u li hemm is-sellum tal-hatch li jagħti għal fuq il-bejt nieqes u li allura ma hemmx aċċess għall-istess bejt;

Illi b'referenza għas-surreferit, iżda b'importanza għall-istipulazzjonijiet tal-kuntratt iffirmat bejnek u l-mittenti u

By means of a decree of the 2nd August, 2023, in the records of the judicial letter number 1701/2023, in the names AJRP Limited vs Richard Spiteri, the First Hall of the Civil Court ordered the following publication for the purpose of effecting service on the respondent Richard Spiteri in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 24th April, 2023

To Richard Spiteri (ID 294472M) of Penthouse 13, 135, La Spinola Court, Triq Spinola, St Julian's

By means of this present, AJRP Limited, a limited liability company registered with number C9185 in the Malta Business Register, represented by Joseph Satariano (ID 757250M) refers to the contract of acquisition of the apartment internally numbered 9 situated at 135, La Spinola Court, Triq Spinola, Saint Julian's, dated 7th December, 2016, as well as the contract between you and the interpellant, signed on the 14th January, 2020;

Primarily, by means of the contract of acquisition above mentioned, the interpellant has right to a number of services which are situated on the roof and by means of the contract entered into between you, you were obliged to carry out the following:

"The apartment owner agrees that the services which the apartment owner has the right to install on the roof of the block, including the hatch providing access to the services, shall be of the dimensions and placed in the location on the highest roof of the block as stipulated on the plan hereto annexed and marked as document letter A provided that the services may not be higher than one meter (1m) from the finished floor level of the roof of the common parts of the block";

That by means of an email sent by you to the owners of the block of apartments of La Spinola Court, including to the interpellant dated 13th April, 2023, you informed the owners that there are a number of water tanks on the roof of the block from which water is leaking, and that there is the hatch ladder which leads to the roof missing and that therefore there is no access to the same roof;

That with reference to the above mentioned, and with due emphasis and importance to the stipulations of the

b'referenza għal Dokument A li hija pjanta li kienet annessa mal-istess ftehim, mhux biss inti kont obbligat li tagħmel il-hatch b'dimenzjonijiet immarkati fl-istess pjanta, iżda kont obbligat ukoll tagħmel step ladder. Nonostante dan, il-hatch magħmul minnek hija ferm inqas kbira minn kemm hemm indikat fil-pjanta annessa mal-ftehim, u s-sellum qatt ma ġie magħmul kif maqbul. Apparti minn hekk, is-sellum, filwaqt illi n-natura tiegħu kellha tkun waħda li ma tippermettix li jinqala' kellu jkun ukoll wieħed sigur, li ċertament ma kienx il-każ stante li meta wieħed kien jittanta jitla' fuq il-bejt, meta kien hemm is-sellum, kien jispiċċa jitla' dahru kontra l-passaġġ li jagħti għall-bejt. Mhux biss allura kien ikun hemm periklu li jaqa' l-għoli tas-sellum, iżda wkoll l-għoli tas-sulari kollha tal-komun tal-blokka, minn fuq għal isfel;

Illi s-surreferit ġie miġjub għall-attenzjoni tiegħek f'numru tal-istanzi fil-passat iżda xorta waħda bqajt indempjenti b'mod attiv li ma tirrimedjax tali nuqqasijiet.

Għaldaqstant, permezz tal-preżenti qiegħed tiġi formalement interpellat sabiex tirrispetta l-kundizzjonijiet u l-istipulazzjonijiet tal-kuntratt iffirmat bejnek u bejn il-mittenti fl-14 ta' Jannar, 2020, u sabiex tirrimedja, fi żmien ġimgħa mid-data ta' dan l-Att, kemm id-dimensjonijiet tal-hatch surreferita u kif ukoll il-pożizzjoni tal-istep ladder, akkont tal-ftehim iffirmat bejnek u bejn il-mittenti, sabiex is-sidien tal-appartamenti tal-blokka, iżda b'mod speċifiku l-mittenti, ikunu jistgħu jitilgħu fuq il-bejt u jirrimedjaw kwalunkwe nuqqasijiet li jista' jkun hemm relatati mas-servizzi fuq l-istess bejt.

Jekk kemm-il darba sejjer tinjora l-kontenut ta' dan l-att u tonqos milli tirrimedja n-nuqqasijiet tiegħek fit-terminu provdut, il-mittenti sejjer jipproċedi kif tippermetti l-liġi, inkluż bl-intavolar tal-proċeduri opportuni.

Tant sabiex tagħraf timxi u tirregola ruhek u tevita spejjeż ulterjuri.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 6 ta' Ottubru, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

contract signed between you and the interpellant and with reference to document A which is a plan which was annexed to the same agreement, not only were you obliged to do the hatch with dimensions marked in the same plan, but you were also obliged to do a step ladder. Notwithstanding this, the hatch made by you is much smaller than indicated in the plan attached to the agreement, and the ladder has never been made as agreed. Apart from this, the ladder, while its nature had to be non-removable, had also to be a safe one, which was certainly not the case since when one tried to climb onto the roof, when there was the ladder, one would have to climb up giving his back against the passage which leads to the roof. Not only would there be a danger of falling the height of the ladder, but also the height of all the floors of the block's common parts, from top to bottom;

That the above mentioned was brought to your attention on a number of instances in the past but you still failed to remedy such shortcomings.

Thus, by means of the present you are formally being solicited to abide by the conditions and stipulations of the contract signed between you and the interpellant on the 14th January, 2020, and to remedy, within one week from the date of this Act, both the dimension of the hatch above mentioned as well as the position of the step ladder, taking into account the agreement signed between you and the interpellant, so that the owners of the apartments of the block, but specifically the interpellants, can climb onto the roof and remedy any shortcomings related to the services on the same roof.

In the event that you ignore the contents of this act and fail to remedy your shortcomings within the time given, the interpellant will proceed as permitted by law, including by filing the opportune procedures.

So much so that you may know how to proceed and regulate yourself and avoid further costs.

With costs

Registry of the Superior Courts, today 6th October, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1992

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-5 ta' Ottubru, 2023, fuq rikors ta' HSBC Bank Malta plc (C3177) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 8 ta' Frar, 2024, fl-għaxra u nofs ta' filgħodu (10.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 5th October, 2023, on the application of HSBC Bank Malta plc (C3177), Thursday, 8th February, 2024, at half past ten in the morning (10.30 a.m.), has been fixed for the sale by auction to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika ,Valletta of the following property:

Il-fond fil-pjan terran li jikkonsisti minn maisonette, b'aċċess dirett għal fuq il-bankina, bin-numru uffiċjali tmienja u tletin (38) ġja disgħa u għoxrin (29), fi Triq Farsons, Il-Ħamrun, inkluż il-bitħa ta' wara, sottosanti proprjetà ta' terzi, b'appoġġ ma' proprjetà adjaċenti ta' terzi wkoll, esklużl-arja però inkluż is-sottoswol. Il-maisonette jinsab fuq żewġ sulari, inkluż il-bitħa fil-pjan terran u b'bir li għalkemm il-kuntratt ta' akkwist tan-Nutar Ivan Barbara datat sittax ta' Lulju, elfejn u disgħa (16.7.2009) isemmi li dan il-fond għandu bir komuni mal-proprjetà adjaċenti, illum jinsab konvertit f'kantina li hija aċċessibbli minn dan il-fond permezz ta' taraġ garigor. Bi dritt ta' manutenzjoni ta' pajp tal-ilma li twaħħal minn terzi fil-bitħa ta' fond numru tmienja u tletin (38), liberu u frank u dan kif deskritt fl-atti tan-Nutar Ivan Barbara tas-sittax ta' Lulju, elfejn u disgħa (16.7.2009) u stmat li jiswa mija u sebgħin elf ewro (€170,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Borg Brian (KI 10576M) u Borg Elena Catalina (KI 277812L qabel detentriċi tal-karta tal-identità numru 31482A).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 27/2022.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ġimgħa, 6 ta' Ottubru, 2023

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The groundfloor tenement consisting of a maisonette, with direct access onto the kerb, with official number thirty eight (38) formerly numbered twenty nine (29), in Triq Farsons, Ħamrun, including the backyard, underlying third party property, with dividing walls with adjacent third parties property, excluding its airspace however including its subterrain. The maisonette is situated on two floors, including the yard on the groundfloor level and a well which although the procurement contract of Notary Ivan Barbara dated sixteenth July, two thousand and nine (16.7.2009) mentions that this tenement has a common well with the adjacent property, today this is converted into a basement, which is accessible from this tenement by a spiral staircase. With the right of maintenance of a water pipe which was attached by third parties in the yard of tenement number thirty eight (38), free and unencumbered, and this as described in the acts of Notary Ivan Barbara of the sixteenth of July, two thousand and nine (16.7.2009) and is valued at one hundred and seventy thousand euro (€170,000).

The said tenement is the property of Borg Brian (ID 10576M) and Borg Elena Catalina (ID 277812L formerly holder of identity card number 31482A).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 27/2022.

Registry of the Superior Courts, this Friday, 6th October, 2023

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1993

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-5 ta' Ottubru, 2023, fuq rikors ta' Zammit Leasing & Investments Limited (C37945) ġie ffissat il-jum tal-Erbgħa, 06 ta' Diċembru, 2023, fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant li għandu jsir f'numru 447, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, tal-vettura hawn taħt deskritta maqbuda mingħand Shamison Gerada (KI 46300L):

Vettura tal-marka Isuzu D-Max Pickup ta' kulur iswed bin-numru tar-reġistrazzjoni DCI 078.

N.B. Din il-vettura ser tinbiegħ bħalma ġiet deskritta fl-atti tas-Subbasta numru 9/23.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ġimgħa, 6 ta' Ottubru, 2023

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 05th October, 2023 on the application of Zammit Leasing & Investments Limited (C37945), Wednesday 6th December, 2023, at eleven in the morning (11.00 a.m.) has been fixed for the sale by auction, to be held in number 447, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, of the following vehicles seized from the property of Shamison Grech (ID 46300L):

Vehicle of the make Isuzu D-Max Pickup black in colour with the registration number DCI 078.

N.B. The said vehicles will be sold as described in the acts of judicial sale file number 9/23

Registry of the Superior Courts, this Friday, 6th October, 2023

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar of Civil Courts and Tribunals

1994

Wara sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Ottubru, 2022, u wara digriet mogħti tas-26 ta' April, 2023, f'Rikors numru 755/18 fl-ismijiet Carmelo Stivala Group Limited (C62625) vs Carmelo Buttigieg (KI 13361M) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 7 ta' Diċembru, 2023, fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra numru 78 biswit l-Arkivju, Livel -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Porzjon ta' art tal-kejl ta' ċirka erba' mija u ħamsa u sebgħin metru kwadru (475mk) li kienet tifforma parti mill-fond bin-numru sittax (16), sbatax (17) u tmintax (18) fi Triq Parisio, Il-Gżira/Tas-Sliema, liema porzjon ta' art għandha faċċata fuq l-imsemmija Triq Parisio u oħra fuq Triq Moroni stmata li tiswa żewġ miljuni, seba' mija u sittin elf ewro (€2,760,000) .

L-imsemmija porzjon ta' art hija proprjetà ta' Carmelo Stivala Group Ltd u Carmelo Buttigieg.

N.B. L-imsemmija porzjon ta' art tinbiegħ bħalma ġiet deskritta fl-atti tas-sentenza u fl-atti tas-subbasta 48/2020.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ġimgħa, 6 ta' Ottubru, 2023

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

After judgement by the Court of Appell on the 26th October 2022, and after a decree given on 26th April, 2023, Application number 755/18 in the names of Carmelo Stivala Group Limited (C62625) vs Carmelo Buttigieg (ID 13361M), Thursday, 7th December, 2023, at eleven in the morning (11.00 a.m.), has been fixed for the sale by auction to be held in room number 78, nearby the Court of Justice, Level -1, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

Portion of land measuring approximately of four hundred and seventy five square meters (475m^2) previously forming part of the tenement numbered sixteen (16) seventeen (17) and eighteen (18) in Triq Parisio, Gżira/Tas-Sliema, which portion of land has frontage on the said Triq Parisio and another on Triq Moroni valued at two million seven hundred and sixty thousand euro (€2,760,000).

The said portion of land is property of Carmelo Stivala Limited and Carmelo Buttigieg.

N.B. The said portion of land will be sold as described in the judgement given and in the acts of judicial sale by auction 48/2020.

Registry of the Superior Courts, this Friday, 6th October, 2023

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1995

Permezz ta' digriet mogħti fil-21 ta' Lulju, 2023, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 404/2021, fl-ismijiet HSBC Bank Malta plc. vs Robert Azzopardi, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 24 ta' Frar, 2021

Lil Robert Azzopardi (KI 126572M) ta' 52, Grazzia Court, Flat 3, Triq Ċensu Tanti, San Pawl il-Baħar SPB 3020

Permezz tal-preżenti s-soċjetà HSBC Bank Malta plc (C3177) ta' 32, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta

Tinterpellak sabiex fi żmien jumejn minn meta tirċievi din l-ittra inti tħallas is-somma ta' €724.30 bħala kapital u inkwantu għas-somma ta' €5.15 bħala mgħaxijiet li ddekorrew fuq il-kapital sat-28 ta' Jannar, 2021, bl-ispejjeż

By means of a decree of the 21st July 2023, in the records of the judicial letter number 404/2021, in the names HSBC Bank Malta plc vs Robert Azzopardi, the Courts of Magistrates (Malta) ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the Courts of Magistrates (Malta)

Today 24th February, 2021

To Robert Azzopardi (ID 126572M) of 52, Grazzia Court, Flat 3, Triq Ċensu Tanti, St Paul's Bay SPB 3020

By means of this present, HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177) of 32, Triq il-Merkanti, Valletta

Solicits you so that within two days from when you receive this letter you pay the amount of €724.30 as capital and as for the amount of €5.15 as interest that accrued on the capital till the 28th January, 2021, with administrative costs,

amministrattivi, oltre l-imgħax mid-29 ta' Jannar, 2021, sad-data ta' din l-ittra flimkien mal-imgħaxijiet legali ulterjuri fuq is-somma kapitali mid-data ta' din l-ittra sad-data tal-pagament effettiv u dan in rifużjoni ta' flus lilek avvanzati fuq faċilità ta' Visa Credit Card bin-numru 4568 8230 1847 4677, liema somma inti għalkemm repetutament interpellat biex tħallas, inqast milli tagħmel dan.

Tinfurmak li jekk tonqos milli tħallas l-arretrati kollha fi żmien ħmistax-il jum mid-data tan-notifika ta' din l-ittra, il-bilanċ intier tas-self isir kollu dovut f'daqqa oltre mgħaxijiet legali bir-rata ta' 8% fis-sena sad-data tal-effettiv pagament.

Sabiex jiġu evitati spejjeż inutili tal-Qorti, jekk il-ħlas tad-dejn fiż-żmien hawn fuq indikat ma huwiex possibbli u teħtieġ żmien itwal għall-ħlas b'rati mensili, int tista' tammetti d-dejn tiegħek mal-Bank permezz ta' att notarili. F'dak il-każ int mitluba illi fi żmien ħmistax-il gurnata minn meta tirċievi din l-ittra tavża lill-Bank u tqabbad nutar.

Din l-ittra sservi wkoll biex tinterrompi l-preskrizzjoni u għalhekk hija rikjesta mil-liġi ai termini tal-Artikolu 2128 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta).

Fin-nuqqas jittieħdu passi ulterjuri bil-Qorti kontra tiegħek mingħajr ebda preavviż ieħor.

Tant biex tagħraf tirregola ruħek

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 6 ta' Ottubru, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

besides the interest from the 29th January, 2021, till the date of this letter together with further legal interest on the capital amount from the date of this letter till the date of effectie payment and this as refund of the money to you given by means of Vica Credit Card facility number 4568 8230 1847 4677, which amount although you were solicited to pay, you remained in default.

Informs you that if you fail to pay all the arrears within fifteen days from the day of notification of this letter, the whole loan amount will be due all at once besides legal interest with the rate of 8% per year till the date of effective payment.

To avoid useless court fees, if the payment of the loan is not possible in the time given and you néed more time to pay by monthly installments, you can admit your debt towards the Bank by means of a notarial act. In this case you are requested so that within fifteen days from when you receive this letter you inform the Bank and engage a notary.

This letter is being filed as well to interrupt prescription and as such is required by law in terms of article 2128 of the Civil Code (Cap. 16 of the Laws of Malta).

In default further procedures will be taken against at Court without further notice.

So much so that you may know how to regulate yourself

With costs

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 6th October, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1996

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-28 ta' Ġunju, 2023, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 432/2023FDP, li ġie ppreżentat fil-25 ta' April, 2023, fl-ismijiet: Mangion Ryan et vs Mintoff Jonathan Avukat Dott. et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap.12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tordna lill-konvenuti, jew min minnhom, flimkien u solidalment bejniethom, sabiex iħallsu lir-rikorrent kreditur is-somma ta' wieħed u tletin elf ewro (€31,000), flimkien mal-imgħax legali. Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimati li huma inġunti għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għas-7 ta' Novembru, 2023, fid-9.30 a.m.

Illi l-esponenti inoltre jixtiequ jipprevalixxu ruħhom mid-dritt konċess lilhom ai termini tal-Artikolu 1501 et sequitur tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u jifdu l-isemmi ċens fl-intier tiegħu ta' €1.12 fuq id-dar illum bin-numru 82 qabel 109, Triq il-Kullegg, Rabat, Malta li jammonta għal €22.40 bir-rata ta' kapitalizzazzjoni skont il-liġi.

Għaldaqstant, l-esponenti sabiex jipprevalixxu ruħhom mid-dritt mogħti lilhom ai termini tal-Artikolu 1501 et sequitur tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta qiegħdin jifdu ċ-ċens gravanti fuq id-dar illum bin-numru 82 qabel 109, Triq il-Kulleġġ, Ir0Rabat, Malta, u qegħdin jadixxu lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha jiddepożitaw is-somma ta' €28 rappreżentanti €5.60 bħala l-ammont dovut għall-pagament pendenti taċ-ċens ta' ħames snin u €22.40 dovut għall-fidi taċ-ċens fl-intier tiegħu dovuti lis-sidien mhux magħrufa taċ-ċens impost fuq id-dar illum bin-numru 82 qabel 109, Triq il-Kulleġġ, Ir-Rabat, Malta, sabiex jiġu liberament żbankati mill-intimati kif fuq spjegat wara li jħallu d-debita riċevuta.

Esponenti: 77, Triq Wied Għollieq, il-Kappara, San Ġwann

Notifiki: Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Il-Belt Valletta
Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħzel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Robert G. Mangion, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 5 ta' Ottubru, 2022

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 6 ta' Ottubru, 2023
ALEXANDRADEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali.

That the applicants wish to deposit the amount of €5.60 under the authority of the Court representing the amounts due for the payment of five years groundrent due according to law;

That the applicants wish to avail themselves of the right granted to them in terms of Article 1501 et sequitur of Chapter 16 of the Laws of Malta and redeem the said groundrent in its entirety of €1.12 on the house today with number 82 before 109, Triq il-Kullegg, Rabat, Malta which amounts to €22.40 at the rate of capitalisation according to law.

Thus, the applicants in order to avail themselves of the right given to them in terms of Article 1501 et sequitur of Cap. 16 of the Laws of Malta are redeeming the groundrent burdening the house today with number 82 before 109 Triq il-Kullegg, Rabat, Malta and are calling upon this Honourable Court and under its authority are depositing the sum of €28 representing €5.60 as the amount due for the outstanding payment of the groundrent of five years and €22.40 due for the redemption of the groundrent in its entirety due to the unknown owners of the groundrent imposed on the house today with number 82 before 109, Triq il-Kulleġġ, Rabat, Malta, in order to be freely withdrawn by the respondents as above explained after leaving the due receipt.

Applicants: 77, Triq Wied Għollieqa, Kappara, San Ġwann

Notification: Director Public Registry, Valletta
Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, abovementioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Robert G. Mangion, LLD, Doctor of Laws.

Today 5th October, 2022

Registry of the Superior Courts, today 6th October, 2023
ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2013

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-30 ta' Novembru, 2022, fuq talba ta' Rita Law ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-padrun dirett mhux magħrufa fl-atti taċ-ċedola numru 2298/2022 fl-ismijiet Rita Law vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens numru 2298/2022 ta' Rita Law, impjegata mal-Gvern, bint Giuseppe Farrugia u Maria Concetta magħrufa bħala Cettina née Vella, imwielda Tal-Pietà fl-20 ta' Ġunju, 1957, u residenti Birżebbuġa (KI445957M) vs Kuraturi Deputati biex jirrappreżentaw lill-padrun dirett mhux magħruf, ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fit-28 ta' Novembru, 2022, fejn Rita Law esponiet bir-rispett:

Illi l-esponenti tippossjedi l-utile dominju perpetwu tal-garaxxijiet li jmissu ma' xulxin u li huma nnumerati 21 u 23 rispettivament. Entrambi l-garaxxijiet huma sitwati fi Triq A. M. Valperga, ġewwa l-Fgura u huma suġġetti għar-rata tagħhom taċ-ċens annwu u perpetwu ta' madwar €71.05 ekwivalenti għal Lm32.50,4 li jolqot l-art li fuq parti minna ġew mibnija l-istess garaxxijiet. Altrimenti tali garaxxijiet huma minn ħaġa oħra liberi u franki, bid-drittijiet u l-ġustijiet kollha tagħom;

Il-proprjetajiet surriferiti ġew akkwistati mill-esponenti in parti permezz ta' kuntratt ta' donazzjoni magħmul in atti tan-Nutar Dott. Marthese tat-3 ta' Settembru, 2020 (vide Dok. A) u in parti b'titolu ta' prelegat imħolli lilha minn ommha, Maria Concetta Farrugia, permezz tat-testment tal-4 ta' Marzu, 2020, magħmul in atti tan-nutar Dott. Marthese Felice (vide Dok. B). L-istess proprjetajiet huma delinjati fuq il-pjanti annessi u mmarkati bħala Dok. C u Dok. D rispettivament;

Illi l-esponenti tixtieq tipprevalixxi ruħha mill-fakultà mogħtija lilha bl-Artikolu 1501 tal-Kodiċi (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta) sabiex tifdi u tirredimi ċ-ċens annwu u perpetwu ta' €71.05 gravanti l-proprjetajiet imsemmija.

Għaldaqstant, l-esponenti qiegħda tadixxi lil din il-Qorti u taħt l-awtorità tagħha qegħdin jiddepożitaw is-somma ta' €1,421 bħala valur kapitali relattiv għaż-żewġ proprjetajiet bir-rata ta' 5% a tenur tal-Artikolu 1501 tal-Kap. 16 tal-

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 30th November, 2022, following a request by Rita Law it was ordered that deputy curators be chosen to represent the unknown direct owners in the records of the schedule of deposit number 2298/2022 in the names Rita Law vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a schedule of deposit and redemption of groundrent number 2298/2022 in the name of Rta Law, government employee, daughter of Giuseppe Farrugia and Maria Concetta known as Cettina née Vella, born in Tal-Pietà on the 20th June, 1957, and residing in Birżebbuġa (ID 445957M) vs Deputy Curators to represent the unknown direct owner filed in the First Hall of the Civil Court on the 28th November, 2022, the applicant Rita Law respectfully submitted:

That the applicant owns the perpetual utile dominium of the adjoining garages numbered 21 and 23 respectively. Both garages are situated in Triq A. M. Valperga, in Fgura and are subject to their annual and perpetual groundrent of about €71.05 equivalent to Lm32.50,4 which affects the land on part of which the same garages were built. Otherwise such garages are free and unencumbered, with all their rights and pertenances;

The properties abovementioned were acquired by the applicant in part by means of a contract of donation made in the records of Notary Dr Marthese of the 3rd September, 2020 (vide Doc. A) and in part by title of prelegacy left to her by her mother, Maria Concetta Farrugia, by means of a will of the 4th March, 2020, made in the records of Notary Dr Marthese Felice (vide Doc. B). The same properties are delineated on the attached plans and marked as Doc. C and Doc. D respectively;

That the applicant wishes to avail herself of the faculty given to her by Article 1501 of the Civil Code (Cap. 16 of the Laws of Malta) to redeem and redeem the annual and perpetual groundrent of €71.05 burdening the properties mentioned.

Thus, the applicant is calling upon this Court and under its authority is depositing the sum of €1,421 as capital value relative to both properties at the rate of 5% in terms of Article 1501 of Cap. 16 of the Laws of Malta so that this amount be

Liġijiet ta' Malta biex dan l-ammont jipi liberament żbankat minn min għandu dritt għalih skont il-liġi u dan wara li titħalla d-debita riċevuta.

Esponenti: Rita Law, 9, Sunrise, Apartment 8, Triq F. M. Ferretti, Birżebbuġa BBG 1016

Notifiki: Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Evans Building,Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta
Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħzel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Audrey Demicoli, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 30 ta'Novembru, 2022

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 6 ta' Ottubru, 2023

ALEXANDRADEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

Applicant: Rita Law, 9, Sunrise, Apartment 8, Triq F. M. Ferreti, Birżebuġa BBG 1016

Notification: Director Public Registry, Evans Building, Triq il-Merkanti, Valletta
Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, abovementioned, with the witness of the Hon. Madam Justice Audrey Demicoli, LLD, Doctor of Laws.

Today 30th November 2022

Registry of the Superior Courts, today 6th October, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2014

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fl-20 ta' Lulju, 2023, Rikors numru 1384/2023, minn Sergio Muscat et fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Joseph Muscat u Sergio Muscat ulied id-decujus fi kwoti ndaqs ta' nofs (1/2) indiviż kull wieħed minnhom is-suċċessjoni ta' Saviour Muscat, armel ta' Maria Muscat née Gauci, bin il-mejtin Joseph Muscat u Frances Muscat née Formosa, imwieled Ħal Tarxien, Malta, kien residenti Raħal Ġdid, Malta, u miet Raħal Ġdid, fit-28 ta' Mejju, 2022, ta' 78 sena, u li kellu karta tal-identità bin-numru 0248744M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 20th July, 2023, Application number 1384/2023, by Sergio Muscat et whereby they requested that it be declared open in favour of Joseph Muscat and Sergio Muscat children of the decujus in equal shares between that of one half (1/2) undivided share each one of them the succession of Saviour Muscat, widower of Maria Muscat née Gauci, son of the late Joseph Muscat and Frances Muscat née Formosa, born in Ħal Tarxien, Malta, resided in Raħal Ġdid, Malta, and died in Raħal Ġdid, Malta, on the 28th May, 2022, aged 78, and who held identity card number 0248744M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 6 ta' Ottubru, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 6th October, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

2015

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fil-31 ta' Mejju, 2023, Rikors numru 1020/2023, minn Antonella Mizzi noe fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur ulied id-decujus Wayne Mizzi u Keeran Mizzi fi kwoti ndaqs bejniethom is-suċċessjoni ta' David Mizzi, legalment separat minn Antonella Mizzi, bin il-mejjet Joseph Mizzi u Emanuela Mizzi née Busuttil, imwieled Tal-Pietà, Malta, kien residenti l-Fgura, Malta, u miet l-Imsida, Malta, fis-7 ta' Ottubru, 2022, ta' 42 sena, u li kellu karta tal-identità numru 03344080M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 6 ta' Ottubru, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 31st May, 2023, Application number 1020/2023, filed by Antonella Mizzi noe whereby they requested that it be declared open in favour of Wayne Mizzi and Keeran Mizzi children of the decujus in equal share between them the succession of David Mizzi, legally separated from Antonella Mizzi, son of the late Joseph Mizzi and Emanuela Mizzi née Busuttil, born in Tal-Pietà, Malta, resided in Fgura, Malta, and died in Msida, Malta, on the 7th October, 2022, aged 42, and who held identity card number 0334080M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 6th October, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

2016

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fit-28 ta' Awwissu, 2023, Rikors numru 1560/2023, minn Adrian Abela et fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur il-minuri Jake-Gaetan Abela s-suċċessjoni ta' Dolores Abela, armla ta' Alfred Abela, pensjonanta, bint Calcedonio Tabone u Carmela Tabone née Scerri, imwielda Ħal Tarxien, kienet residenti Ħal Tarxien u mietet Ħal Luqa, Malta, fit-28 ta' Jannar, 2023, ta' 75 sena, u li kellha karta tal-identità numru 0028648M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 28th August, 2023, Application number 1560/2023, filed by Adrian Abela et whereby they requested that it be declared open in favour of the minor Jake-Gaetan Abela the succession of Dolores Abela, widow of Alfred Abela, pensioner, daughter of Calcedonio Tabone and Carmela Tabone née Scerri, born in Ħal Tarxien, resided in Ħal Tarxien, Malta, and died in Ħal Luqa, Malta, on the 28th January, 2023, aged 75, and who held identity card number 0028648M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 6 ta' Ottubru, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 6th October, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

2017

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tat-3 ta' Ottubru, 2023, u dan wara Rikors b'numru 1003/2023, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li, meta jiġi biex jirreġistra l-Att tat-Twelid ta' Marites Manguiam Abalos ġewwa r-Reġistru Pubbliku ta' Malta, jagħmel l-annotazzjonijiet jew korrezzjonijiet opportuni fl-Att tat-Twelid biex isem ir-rikorrenti jiġi mibdul minn 'Marites M.' għal 'Marites Manguiam'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum il-Ġimgħa, 5 ta' Ottubru, 2023

ADRIAN MICALLEF
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 3rd October, 2023, and upon an application numbered 1003/2023, ordered:

To the Director of the Public Registry who, when he comes to register the Act of Birth of Marites Manguiam Abalos in the Public Registry of Malta, makes the appropriate annotations or corrections in the Act of Birth so that the name is replaced from 'Marites M.' to 'Marites Manguiam'.

Court of Revision of Notarial Acts

Today Friday, 5th October, 2023

ADRIAN MICALLEF
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

2018

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tat-3 ta' Ottubru, 2023, u dan wara Rikors b'numru 1002/2023, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li, meta jiġi biex jirreġistra l-Att tat-Twelid esteru u l-Att taż-Żwieġ esteru (rigwardanti t-tieni żwieġ tar-rikorrenti) ta' Nancy Freeman Marks ġewwa r-Reġistru Pubbliku ta' Malta, jagħmel l-annotazzjonijiet jew korrezzjonijiet opportuni fl-Att tat-Twelid u l-Att taż-Żwieġ, biex isimha 'Nancy Ellen' jiġi sostitwit bl-isem 'Nancy Freeman'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum il-Ġimgħa, 5 ta' Ottubru, 2023

ADRIAN MICALLEF
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 3rd October, 2023, and upon an application numbered 1002/2023, ordered:

To the Director of the Public Registry who, when he comes to register the foreign Act of Birth and the foreign Act of Marriage (regarding the applicant's second marriage) of Nancy Freeman Marks in the Public Registry of Malta, makes the appropriate annotations or corrections in the Act of Birth and the Act of Marriage, so that her name 'Nancy Ellen' is replaced by the name 'Nancy Freeman'.

Court of Revision of Notarial Acts

Today Friday, 5th October, 2023

ADRIAN MICALLEF
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

2019

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili,

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of

b'Digriet tat-3 ta' Ottubru, 2023, u dan wara Rikors b'numru 998/2023, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li jagħmel l-annotazzjonijiet jew korrezzjonijiet opportuni fl-Att tat-Twelid numru 2509/1991 biex l-isem 'Lisa' jiġi mibdul għal 'Lisa Zarb' u meta jiġi biex jirreġistra l-Att taż-Żwieġ esteru ġewwa r-Reġistru Pubbliku ta' Malta, jagħmel l-annotazzjonijiet jew korrezzjonijiet opportuni f'dak l-Att taż-Żwieġ, biex isem ir-rikorrenti 'Lisa' jiġi sostitwit bl-isem 'Lisa Zarb'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum il-Ġimgħa, 5 ta' Ottubru 2023

ADRIAN MICALLEF
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Notarial Acts, by a Decree dated the 3rd October, 2023, and upon an application numbered 998/2023, ordered:

To the Director of the Public Registry to make the appropriate annotations or corrections in the Act of Birth bearing number 2509/1991 so that the name 'Lisa' is changed to 'Lisa Zarb' and when it comes to registering the foreign Act of Marriage in the Public Registry of Malta, makes the appropriate annotations or corrections in that Act of Marriage, so that the name of the applicant 'Lisa' is replaced by the name 'Lisa Zarb'.

Court of Revision of Notarial Acts

Today Friday, 5th October 2023

ADRIAN MICALLEF
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

2020

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tat-3 ta' Ottubru, 2023, u dan wara Rikors b'numru 984/2023, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li meta l-Att tat-Twelid esteru ta' Flora Saliwan Villa jiġi biex ikun reġistrat ġewwa Malta, jagħmel l-annotazzjonijiet jew korrezzjonijiet opportuni biex l-isem tagħha 'Flora Bergado' jiġi mibdul għal 'Flora Saliwan' u sabiex, ai fini ta' uniformità u kjarezza, dan it-tibdil fl-isem jiġi riflessi ukoll fl-Att taż-Żwieġ esteru tar-rikorrenti meta dan ukoll jiġi biex ikun reġistrat ġewwa Malta ai termini tal-art. 244 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16).

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum il-Ġimgħa, 5 ta' Ottubru, 2023

ADRIAN MICALLEF
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 3rd October, 2023, and upon an application numbered 984/2023, ordered:

To the Director of the Public Registry, so that when the foreign Act of Birth of Flora Saliwan Villa comes to be registered in Malta, he makes the appropriate annotations or corrections so that her name 'Flora Bergado' is changed to 'Flora Saliwan' and so that, for purposes of uniformity and clarity, this name change is also reflected in the applicant's foreign Act of Marriage when this too comes to be registered in Malta under the terms of art. 244 of the Civil Code (Cap. 16).

Court of Revision of Notarial Acts

Today Friday, 5th October, 2023

ADRIAN MICALLEF
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

2021

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tat-3 ta' Ottubru, 2023, u dan wara Rikors b'numru 981/2023, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li meta l-Att tat-Twelid esteru ta' Sanjaya Purushottam Badiani jiġi biex ikun reġistrat ġewwa Malta, jagħmel l-annotazzjonijiet jew korrezzjonijiet opportuni biex l-isem 'Sanjay' jiġi mibdul għal 'Sanjaya Purushottam'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 3rd October, 2023, and upon an application numbered 981/2023, ordered:

To the Director of the Public Registry, so that when the foreign Act of Birth of Sanjaya Purushottam Badiani comes to be registered in Malta, he makes the appropriate annotations or corrections, so that the name 'Sanjay' is changed to 'Sanjaya Purushottam'.

Court of Revision of Notarial Acts

Illum il-Ġimgħa, 5 ta' Ottubru, 2023

ADRIAN MICALLEF
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Today Friday, 5th October, 2023

ADRIAN MICALLEF
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

2022

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tat-3 ta' Ottubru, 2023, u dan wara Rikors b'numru 862/2023, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li jagħmel l-annotazzjonijiet jew korrezzjonijiet opportuni fl-Att tat-Twelid bin-numru progressiv 2451/2000 biex kunjom Paul John Waddingham Bonnici jiġi mibdul minn 'Waddingham Bonnici' għal 'Bonnici Waddingham'.

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 3rd October, 2023, and upon an application numbered 862/2023, ordered:

To the Director of the Public Registry to make the appropriate annotations or corrections in the Act of Birth with the progressive number 2451/2000 so that Paul John Waddingham Bonnici's surname is changed from 'Waddingham Bonnici' to 'Bonnici Waddingham'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum il-Ġimgħa, 5 ta' Ottubru, 2023

ADRIAN MICALLEF
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Court of Revision of Notarial Acts

Today Friday, 5th October, 2023

ADRIAN MICALLEF
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

2023

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tat-3 ta' Ottubru, 2023, u dan wara Rikors b'numru 983/2023, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li, meta jiġi biex jirreġistra l-Att tat-Twelid esteru ta' Jackilyn Attard ġewwa r-Reġistru Pubbliku ta' Malta, jagħmel l-annotazzjonijiet jew korrezzjonijiet opportuni fl-Att tat-Twelid biex it-tieni isem tagħha 'Dagdag' jiġi sostitwit bl-isem 'Gozun'. Kif ukoll tordnalu biex jaffettwa l-istess korrezzjoni fuq l-Att taż-Żwieg Malti bin-numru progressiv 172/2018.

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 3rd October, 2023, and upon an application numbered 983/2023, ordered:

To the Director of the Public Registry who, when he comes to register Jackilyn Attard's foreign Act of Birth in the Malta Public Registry, makes the appropriate annotations or corrections in the Act of Birth so that her second name 'Dagdag' is replaced by the name 'Gozun'. Also orders to effect the same correction on the Maltese Act of Marriage with the progressive number 172/2018.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum il-Ġimgħa, 5 ta' Ottubru, 2023

ADRIAN MICALLEF
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Court of Revision of Notarial Acts

Today Friday, 5th October, 2023

ADRIAN MICALLEF
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

2024

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tat-3 ta' Ottubru, 2023, u dan wara Rikors b'numru 999/2023, ordnat:

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 3rd October, 2023, and upon an application numbered 999/2023, ordered:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li, meta jiġi biex jirreġistra l-Att tat-Twelid esteru u l-Att taż-Żwieġ esteru ta' Regina Manalang Reyes ġewwa r-Reġistru Pubbliku ta' Malta, jagħmel l-annotazzjonijiet jew korrezzjonijiet opportuni fl-Att tat-Twelid u l-Att taż-Żwieġ, biex isem 'Regina Dizon' jiġi sostitwit bl-isem 'Regina Manalang'.

To the Director of the Public Registry who, when he comes to register the foreign Act of Birth and the foreign Act of Marriage of Regina Manalang Reyes in the Public Registry of Malta, makes the appropriate annotations or corrections in the Act of Birth and Act of Marriage, to replace the name 'Regina Dizon' with the name 'Regina Manalang'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Court of Revision of Notarial Acts

Illum il-Ġimgħa, 5 ta' Ottubru, 2023

Today Friday, 5th October, 2023

ADRIAN MICALLEF
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

ADRIAN MICALLEF
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

2025

Avviż mir-Reġistru tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili

Notice, Registry of the Civil Court, First Hall

Billi l-Onorevoli Glenn Bedingfield noe ppreżenta Rikors Ġuramentat (numru 1048/2023JVC) fejn giet mitluba l-korrezzjoni tal-Att tar-Registru Pubbliku ta' Mustafa Ali numru 2513/1988 fir-Reġistru Pubbliku.

Whereas Hon. Glenn Bedingfield noe filed an Application under oath (number 1048/23/JVC) demanding the correction of the Act of Public Registry of Mustafa Ali number 2513/1988 in the Public Registry.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppeżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tiġi mogħtija għas-smigħ tal-kawża.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

B'ordni tal-Qorti,

By order of the Court,

Reġistru tal-Qorti Superjuri,

Registry of the Superior Court,

Illum 9 ta' Ottubru, 2023

Today 9th of October, 2023

CORA CATANIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

CORA CATANIA
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

2026

Avviż mir-Reġistru tal-Qorti tal-Maġistratti (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjori, Sezzjoni Ġenerali

Notice by the Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section

Billi Maria Theuma (karta tal-identità numru 26054G) ippreżentat rikors ġuramentat bin-numru ta' referenza 99/2023 (SG) fl-ismijiet 'Maria Theuma vs Direttur Reġistru Pubbliku,' fejn talbet korrezzjoni fl-Att tat-Twelid tagħha li jġib in-numru progressiv tal-iskrizzjoni 260/1954, fir-Reġistru Pubbliku tar-Rabat, Għawdex.

Whereas Maria Theuma (identity card number 26054G) filed a sworn application bearing reference number 99/2023 (SG) in names 'Maria Theuma vs Direttur Reġistru Pubbliku,' demanding correction in her Act of Birth bearing number 260/1954, in the Public Registry of Victoria, Gozo.

Kull min jista' jkollu interess fih, u jixtieq jopponi dik it-talba, huwa b'dan imsejjaħ jagħmel dan, permezz ta' nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' din il-Qorti, fi żmien ħmistax-il jum mill-jum tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż. fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk li, fiż-żmien hawn fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu mgħarrfa bin-notifika ta' kopja tal-imsemmi rikors ġuramentat, bil-ġurnata li tiġi ffissata għas-smigħ tal-kawża.

B'digriet tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

Illum 9 ta' Ottubru, 2023

MARGARET DE BATTISTA
Assistent Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said sworn application, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

Superior Jurisdiction, General Section

Today 9th of October, 2023

MARGARET DE BATTISTA
Assistent Reġistratur, for the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

2027

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Volontarja, fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Settembru, 2023 (Digriet numru 113//2023BS, wara Rikors numru 149/2022BS) ġiet ikkonfermata inabilitata mill-atti kollha tal-ħajja ċivili Mary Attard, bint il-mejtin Giuseppe Dimech u Maria née Cini, imwielda r-Rabat, Għawdex, u residenti r-Rabat, Għawdex, (karta ta' identità numru 54432G).

Rosita Buttigieg, bint George Attard u Mary née Dimech, imwielda Sydney, l-Awstralja, u residenti l-Fontana, Għawdex, detentriċi tal-karta tal-identità numru 548182M, ġiet bl-istess digriet, nominata kuratriċi tagħha.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 9 ta' Ottubru, 2023

DANIEL SACCO
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

It is hereby notified that in virtue of a decree given by the Court of Magistrates (Gozo) in its Voluntary Jurisdiction, on the twentu-seven (27th) of September of the year, 2023 (Decree number: 113/2023BS following Application number 149/2022(BS) Mary Attard, daughter of the late Giuseppe Dimech u Maria née Cini, born in Victoria, Gozo, and resides in Victoria, Gozo, holder of identity card number 54432G, has been confirmed inabilitated from all acts of civil life.

Rosita Buttigieg, daughter of George Attard u Mary née Dimech, born in Sydney Australia and resides in Fontana, Gozo, holder of identity card number 548182M, has been nominated as her curator, by virtue of the said decree.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction

This 9th of October, 2023

DANIEL SACCO
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

2028

KANĊELLAZZJONI TA' FFRIŻAR TAL-ASSI

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

CANCELLATION OF A FREEZING ORDER

It is hereby notified that by a decree given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature

(l-Onor. Maġistrat Dott. Kevan Azzopardi, BA, LLD) fit-13 ta' Lulju, 2023, fuq rikors ippreżentat minn Peter Paul Theuma, detentur tal-karta tal-identità numru 6649G fid-29 ta' Mejju, 2023, fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
kontra

Peter Paul Theuma, ta' 71 sena, bin il-mejtin Joseph u Michelina xebba Vella, imwieled in-Nadur, Għawdex, fis-7 ta' Jannar, 1949, residenti fil-fond bin-numru Eden Lodge, Wied is-Seqer, Ir-Rabat, Għawdex, u karta tal-identità numru 6649G, il-Qorti ORDNAT IT-TĦASSIR tal-ordni tal-iffriżar tal-assi fil-konfront tal-imsemmi Peter Paul Theuma fir-rigward ta' dawk l-assi li ma jikkonsistux fi flejjes f'kontijiet barranin, liema ordni kienet ġiet mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (il-Maġistrat Dott. Joseph Apap Bologna, BA, LLD) fit-22 ta' Ġunju, 2005, fil-kawża fl-istess fl-ismijiet u pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-28 ta' Frar, 1989.

Dan l-avviż qed jiġi ippubblikat ai termini tal-artikolu 22A(6) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illum 9 ta' Ottubru, 2023

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

MARGARET DE BATTISTA
Assistent Reġistratur, Qrati u Tribunali Kriminali (Malta)

(the Hon. Magistrate Dr Kevan Azzopardi, BA, LLD) on the 13th of July, 2023, on an application presented by Peter Paul Theuma, holder of identity card number 6649G on the 29th of May, 2023, in the case in the names:

The Police
versus

Peter Paul Theuma, 71 years, son of the late Joseph and Michelina née Vella, born in Nadur, Gozo on the 7th of January 1949, residing at Eden Lodge, Wied is-Seqer, Rabat, Gozo and identity card number 6649G, the Court ORDERED THE CANCELLATION of the freezing order against the said Peter Paul Theuma in relation to those assets which do not consist of money in foreign accounts, which order had been given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature (Magistrate Dr Joseph Apap Bologna BA, LLD) on the 22nd of June, 2005, in the case in the same names and published in the Government Gazette dated 28th February, 1989.

This notice is being published in terms of article 22A(6) of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta.

This 9th October, 2023

Registry of the Court of Magistrates (Malta)

MARGARET DE BATTISTA
Assistant Registrar, Criminal Courts and Tribunals (Malta)

2029

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fid-9 ta' Ottubru, 2023, fuq rikors ta' Cachia Patrick (KI 179954M) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 8 ta' Frar, 2024, fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

L-appartament immarkat numru sitta (6), f'43, Shishman Court, fi Triq il-Witja, Ħal Tarxien, li jikkonsisti minn appartament fit-tieni sular (first floor) bi dħul minn intrata, taraġ u lift komuni bejn disa' appartamenti u huwa aċċessibbli minn taraġ u lift komuni u sovrapost u sottopost għal l-appartamenti ta' terzi, u huwa suġġett u jgawdi s-servitù tal-mogħdija tal-katusi tad-drains, drenaġġ, u ilma tax-xita mill-fondi sottoposti u sovrastanti għal fini ta' manutenzjoni, riparazzjoni u tiswija tal-istess katusi f'ħinijiet raġonevoli u bi preavviż. In oltre jgawdi

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 9th of October, 2023, on the application of Cachia Patrick (ID 0179954M), Thursday, 8th February, 2024, at eleven in the morning (11:00 am), has been fixed for the sale by auction, to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Valletta, of the following property:

The apartment marked number six (6), in 43, Shishman Court, in Triq il-Witja, Ħal Tarxien, consisting of an apartment on the first floor with entrance from an entrance hall, stairs and lift in common between nine apartments and which is accessible from a common stairs and lift and is overlying and underlying third party apartments, and is subject to and enjoys from the servitudes of pipe drains, drainage and rain water paths from the underlying and overlying tenements for maintenance, servicing and repairs purposes of the said pipe drains in reasonable hours and with a pre notice. More over, it

s-servitù ta' tqegħid u manutenzjoni ta' tank tal-ilma ta' kapaċità ta' mhux aktar minn seba' mija u ħamsin litru (750L) fuq l-ogħla bejt tal-blokk kif ukoll dritt ta' aċċess għal fuq l-imsemmi bejt għal skop ta' installazzjoni, manutenzjoni u riparazzjoni ta' l-istess tank tal-ilma u dan f'ħinijiet raġjonevoli u bi preavviż xieraq. L-appartament igawdi wkoll id-dritt li jqabbad bi ħlas ma' sistema komuni waħda ta' aerial tat-televixin u satellite dish. Finalment, l-appartament huwa suġġett għas-servitujiet passivi u jgawdi d-drittijiet u servitujiet attivi riżultanti mill-pożizzjoni relattiva tiegħu fil-blokk, inkluż porzjon diviż tal-bejt tal-blokk fit-third floor ta' ċirka ħames metri kwadri (5m2) inkluż l-arja tagħha sabiex tintuża biss għall-inxir b'żiemel u mhux b'xi arbli tal-inxir u dan kif jirriżulta minn kuntratt fl-atti tan-Nutar Dott. Jonathan Zammit tat-tlettax ta' Jannar tas-sena elfejn u disgħa (13.1.2009), u li jikkonfina mit-Tramuntana mat-triq pubblika Triq il-Witja, fuq il-Punent ma' proprjetà ta' Jos Jane Construction Ltd, mil-Lvant ma' proprjetà tal-aħwa Galea jew suċċessuri tiegħu, kif deskritt fl-atti tan-Nutar James Grech datat tnejn u għoxrin ta' Frar, tas-sena elfejn u sbatax (22.2.2017), liberu u frank, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu.

Il-garaxx internament innumerat erbgħa (4) ta' karozza waħda b'kejl internament li jvarja minħabba x-xtur, fil-livell sotterran (semi basement), u li jifforma parti mill-istess blokka bl-isem 'Shishman Court' fi Triq il-Witja, Ħal Tarxien, aċċessibbli minn rampa minn l-istess triq, mingħajr l-arja tiegħu u jinsab sottomess proprjetà ta' terzi fil-livell terran (ground floor) tal-istess blokka residenzjali.

L-imsemmija appartament numru sitta (6) u l-garaxx internament innumerat erbgħa (4) jiffirumaw parti mill-blokk li jikkonfina mit-Tramuntana mat-triq pubblika Triq il-Witja, mill-Punent ma' proprjetà tal-konjuġi Genuis, mil-Lvant ma' proprjetà tal-aħwa Galea jew is-suċċessuri rispettivi tagħhom fit-titolu u huma stmati li jiswew mitejn u wieħed u disgħin elf ewro (€291,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Cachia Glenn (KI 448693M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 47/2022.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 9 ta' Ottubru, 2023

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

enjoys the servitude of the laying and maintenance of a water tank of capacity not more than seven hundred and fifty litre (750L) on the highest roof of the block as well as the right of access to the said roof for installation, maintenance and repairs purposes of the said water tank, in reasonable hours and with an adequate pre notice. The apartment also enjoys the right, that against payment, connects with a common system of a television aerial and satellite dish. Finally, the apartment is subject to the passive servitudes and enjoys the rights and active servitudes resulting from its relative position in the block, including the divided portion of the roof of the block on the third floor of circa five metre square (5m2) including its airspace to be used only for drying clothes on a clothes horse and not by means of a clothes line poles and this as resulting from the contract in the acts of Notary Doctor Jonathan Zammit dated thirteenth January of the year two thousand and nine (13.01.2009), and which is bounded on the north by the public street Triq il-Witja, on the west by property of Jos Jane Construction Ltd, and on the east by property of the brothers Galea or their successors in title, as described in the acts of Notary James Grech dated twenty second of February, of the year two thousand and seventeen (22.2.2017), free and unencumbered, with all its rights and appurtenances.

The one care garage internally numbered four (4), with internal measurements varying due to lack of symmetry, situated at semi basement level, and which forms part of the same block 'Shishman Court' in Triq il-Witja, Tarxien, accessible from a ramp from the same street, without its airspace and is underlying third party property on the ground floor level of the same residential block.

The said apartment number six (6) and the internal garage numbered four (4) form part of the block which is bounded on the north by the public street Triq il-Witja, on the west by property of the spouses Genius, on the east by property of the brothers Galea or their respective successors in title and are valued at two hundred and ninety one thousand Euro (€291,000).

The said tenement is the property of Cachia Glenn (ID 448693M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 47/2022.

Registry of the Superior Courts, this Monday, 9th October, 2023

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper from responsible sources
FSC® C140603